# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 1 ta' Marzu 2022**

## Talba numru 199/2020

***GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C3143) U DIN KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIGURAT TAGĦHA JOHN BUNDY KEMM BIL-POLZA U KEMM BIL-LIĠI U B'DIGRIET TAT-TRIBUNAL DATAT 15 TA' DIĊEMBRU 2020 GĦANDHA TIŻDIED "(196860M)"***

***VS.***

***BRANDON CARUANA (175289M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-31 ta' Awwissu 2020 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi esponiet u talbet:

> "*1. Illi s-soċjetà attriċi kienet ħarġet polza tal-assigurazzjoni tat-tip comprehensive fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DJB101 di proprjetà tal-assigurat tas-soċjetà attriċi, John Bundy, hawn aktar 'l isfel imsejħa "il-vettura tal-atturi.";*

2. *Illi nar it-8 ta' Ottubru 2019 seħħ inċident fi Triq Ħaż-Żabbar, Paola, bejn il-vettura tal-atturi u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBJ461 illi dak il-ħin tal-inċident kienet qegħda tintuża mill-konvenut bħala tool of trade;*

3. *Illi b'hekk isegwi li l-inċident de quo seħħ unikament bħala riżultat ta' negliġenza, traskuraġni jew imperizja da parti tal-konvenut;*

4. *Illi għalhekk, il-konvenut għandu jiġi kkundannat iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u tlett mija u wieħed u sebgħin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€1,371.19) rappreżentanti d-danni kollha sofferti bħala riżultat ta' dan l-inċident illi għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni relattiva, b'dana li l-ammont dovut ta' elf u tlett mija u wieħed u sebgħin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€1,371.19) jkun dovut skont kif inhu spjegat fis-segwenti:*

   *Elf u mitejn u wieħed u għoxrin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€1,221.19) huma dovuti lis-soċjetà attriċi u l-kumplament ta' mija u ħamsin Ewro (€150.00) huma dovuti lill-attur John Bundy bħala excess.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 12 ta' Mejju 2020 (referenza numru 663/2020) u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.*"

Ra r-Risposta ppreżentata fid-19 ta' Ottubru 2020 li fiha ġie eċċepit:

"*Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi preliminarjament dan l-Onorabbli Tribunal m'għandux il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza ratione materiae sabiex jieħu konjizzjoni tal-kawża de quo u sabiex jiddeterminaha, u dan ai termini tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387.*

2. *Illi in subsidium u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-inċident de quo ma seħħx bħala riżultat ta' negliġenza, traskuraġni jew imperizja da parti tal-esponenti iżda fil-fatt, a kontrarju, l-imsemmi inċident seħħ minħabba tortijiet attribwibbli lil John Bundy, ċioe s-sewwieq tal-vettura KBJ461.*

3. *Illi in subsidium u mingħajr preġudizzju għas-suespost, għandha ssir il-prova tad-danni allegatament sofferti.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*"

Ra s-sentenza preliminari tat-2 ta' Frar 2021 (fol. 26 sa 28) li biha ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u ordna l-prosegwiment tal-kawża.

Sema' lix-xhieda, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw matul is-seduta tal-1 ta' Frar 2022, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-1 ta' Marzu 2022.

**Provi ppreżentati**

Il-konvenut xehed fl-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2020 u spjega li fit-8 ta' Ottubru 2019 seħħ inċident fi Triq Ħaż-Żabbar fir-Raħal Ġdid. Hu kellu vann bil-*lifter* (numru ta' reġistrazzjoni KBJ461) u kien ipparkjat. Il-*lifter* qiegħed fuq wara tal-vann fis-sens li huwa parti mill-vann u mhuwiex xi apparat li jkun irmunkat wara l-vettura. Il-vann kien debitament assigurat.

In kontro-eżami, il-konvenut spjega li hu kien jiftakar l-inċident u li s-saqajn tat-trakk kienu mniżżlin. Huwa qal li fil-ħin tal-inċident, il-*lifter* fuq in-naħa ta' wara tal-vettura kienet qed titqiegħed fuqu xi tagħbija.

Matul l-istess udjenza xehed Andrew Pizzuto fil-kwalità tiegħu ta' rappreżentant ta' MelitaUnipol Insurance Agency. Dan qal li fir-rigward tal-vettura KBJ461 kien hemm polza waħda biex il-vettura tkun tista' tinstaq fit-triq (valida bejn l-20 ta' Novembru 2018 u t-30 ta' Novembru 2019) u polza oħra għall-vettura bħala *tool of trade* (valida bejn it-2 ta' Frar 2019 u s-26 ta' Diċembru 2019). Ix-xhud qal li f'Ottubru 2019, jiġifieri fix-xahar tal-inċident, il-vettura kienet koperta mit-tieni polza, jiġifieri sabiex tintuża bħala *tool of trade*.

F'dan l-istadju, it-Tribunal jirrileva li huwa ra ż-żewġ poloz (dokumenti AP1 u AP2 a fol. 20 u 21 tal-proċess) u minn dawn jirriżulta li assolutament mhuwiex minnu li fit-8 ta' Ottubru 2019 (li skont l-Avviż tat-Talba hija d-data tal-inċident awtomobilistiku relattiv), il-vettura KBJ461 kienet koperta biss minn polza waħda tal-assigurazzjoni.

Jirriżulta mill-atti li fit-8 ta' Ottubru 2019, il-vettura relattiva kienet koperta kemm mill-polza mmarkata dokument AP1 (liema polza kienet valida <u>bejn is-26 ta' Novembru 2018 u t-30 ta' Novembru 2019</u>) kif ukoll mill-polza mmarkata dokument AP2 (liema polza kienet valida bejn <u>it-2 ta' Frar 2019 u s-26 ta' Diċembru 2019</u>).

Fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2021 xehed John Bundy. Huwa kien qiegħed isuq il-vettura DJB101 fi Triq Ħaż-Żabbar, Paola. Qal li kien ġej mill-Fgura u miexi fid-direzzjoni lejn Paola. F'nofs dik ir-rotta hemm *roundabout*. Huwa qabeż ir-*roundabout* hu u dieħel f'Paola. Kien hemm vettura li jsejħulha *lifter* li kienet qed tagħmel xi xogħol fit-triq. Ma kien hemm ebda sinjali. Il-kaxxa tal-*lifter* kienet maħruġa f'nofs it-triq bil-bieba miftuħa għal ġo nofs it-triq. Il-bieba ma kinitx tidher fil-livell tal-għajn (*eye level*) u għalhekk, meta din niżlet fil-livell tat-triq, il-vettura tiegħu ġibditha. Wara l-inċident, sar diskors fis-sens li x-xhud staqsa lill-operatur tal-*lifter* għaliex ma kienx hemm sinjali li javżaw li t-traffiku ma kellux jgħaddi minn hemm. F'dan il-punt, ix-xhud ikkonferma l-verżjoni li huwa ta lill-gwardjan lokali meta dan ġie msejjaħ fuq il-post. B'referenza għar-ritratti ppreżentati u mmarkati dokument JB1, ix-xhud qal li kien hu li ħa r-ritratti. Huwa kkonferma li l-

vettura tiegħu kienet assigurata fuq bażi *fully comprehensive* u li ħallas *excess*. Kienet is-soċjetà assiguratriċi li għamlet tajjeb għall-ħsarat fil-vettura tiegħu.

In kontro-eżami, ix-xhud ikkonferma li t-triq li kien għaddej minnha kienet waħda dritta. Qal li kien possibbli li l-bieba tal-*lifter* kienet diġà miftuħa iżda ma setax jikkonferma. Mistoqsi jekk xi ħadd fetaħx il-bieba kif kien għaddej hu, ix-xhud wieġeb li ħadd ma seta' jiftaħ il-bieba għax meta hu kien għadu qiegħed jistenna fuq in-naħa l-oħra tat-triq qabel jaqsam għar-*roundabout* biex jidħol għad-dritta, ra l-*lifter* nieżel u l-bieba diġà kienet miftuħa. Ix-xhud qal li l-vettura tiegħu laqtet il-bieba tal-*lifter* li kienet sporġenti fit-triq.

Fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2021 xehed Andrea Bondin, *motor claims adjustor* fi ħdan is-soċjetà attriċi. Huwa esebixxa sett ta' dokumenti mmarkati dokument AB1 sa dokument AB10. Taħt ġurament, ix-xhud ikkonferma t-*timeline* immarkat dokument AB10.

Fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2021 xehed Antoine Mugliett, li huwa *motor assessor* kemm privatament kif ukoll imqabbad minn diversi soċjetajiet li joffru poloz tal-assigurazzjoni. B'referenza għad-dokument AB5 (fol. 60 *et seq.*), ix-xhud ikkonferma li huwa kien eżamina l-vettura DJB101 u kkonferma li huwa għamel is-*survey report*. Qal li l-vettura ġarrbet ħsarat fuq in-naħat tax-xellug, speċjalment fil-bibieb, mirja u l-ġenb kollu. Huwa kkonkluda li kien hemm tiswijiet li jaslu sal-valur ta' €121.37. B'referenza għad-dokument AB6, li huwa sett ta' riċevuti, qal li ma kienx jaqbel biss mal-ammont ta' *labour costs*, li skont ir-rapport tiegħu kien jammonta għal €121.37 filwaqt li r-riċevuta kienet tindika €226.98.

In kontro-eżami, ix-xhud qal li billi l-vettura ddanneġġjata kellha xi disa' snin, il-*parts* li jsirulha ma kinux se jkunu kollha ġodda. Xi wħud setgħu jkunu *imitation parts*. L-ittri "*OEM*" kienu jirreferu għal *parts* oriġinali. Ix-xhud qal li hu kien jieħu suġġerimenti mingħand kulħadd u finalment jiddeċiedi hu. F'dan il-każ, l-istruzzjonijiet tiegħu mingħand l-assigurazzjoni kienu li jispezzjoni x-xellug tal-vettura. Imbagħad, ikun hu bħala *surveyor* li jara eżattament liema parts għandhom il-ħsara. Hu ma kienx normalment jara r-rapport tal-*wardens* iżda jekk ikollu xi dubji, kien jitlob li jingħata r-rapport u kien jingħatalu. Fir-rigward tal-*front left parking sensor,* il-ħsara fih kien muri lilu minn sid il-vettura. Qal li l-ħsara f'dak is-*sensor* ma kinitx riżultat tal-inċident.

Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2022 reġa' xehed Andrea Bondin. Huwa qal li s-soċjetà attriċi ma ħallset għal ebda *parking sensor* u ebda *parking sensor* ma kien indikat fir-riċevuti.

In kontro-eżami, Bondin qal li l-*parts* kienu ordnati tramite d-ditta Galdes & Mamo, li kienu jfittxu l-*parts*. Fir-rigward tal-bieba, Bondin qal li ma kinitx teżisti bieba *imitation* u għalhekk wieħed kellu jmur fuq bieba *second hand* jew oriġinali. Jekk Galdes & Mamo ma jkunux sabu bieba *second hand*, kienu jkunu kostretti jordnaw waħda oriġinali. Iżda x-xhud innifsu ma setax jixhed dwar x'kien awtorizzat bħala *parts* oriġinali jew *imitation* għax kien is-*surveyor* li jawtorizza, mhux hu.

Ix-xhud iċċara li l-ammont mitlub ma jinkludix il-*parking sensor* u mbagħad, il-*labour* kien imnaqqas diġà.

Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2022 xehed il-konvenut. Dan qal li x-xogħol tiegħu kien li jaħdem bil-*lifter*. Huwa spjega li dakinhar tal-inċident kien fil-Fgura jtella' xi madum. Kien ilu hemm madwar sagħtejn. Matul dan il-ħin, għaddew ħafna vetturi. Sabiex jintuża l-*lifter*, ma kienx hemm bżonn li tingħalaq it-triq. Wara li kien ilu fil-post madwar sagħtejn, għadda John Bundy bil-vettura tiegħu

u baqa' dieħel fil-mejda tal-*lifter* u qaċċat il-mera. F'dak il-ħin, il-mejda kienet stazzjonarja mal-art. F'dak il-mument, ix-xhud kien ħdejn il-mejda. Imbagħad ġie l-*warden*. F'dan l-istadju, ix-xhud ikkonferma l-verżjoni li kien ta lill-*warden*.

In kontro-eżami, ix-xhud qal li kien hemm xi *cones* iżda ma kien hemm ebda *warden*. Qal li ladarba t-triq ma kinitx ser tingħalaq ma kinitx il-prassi li jinġiebu l-*wardens*. B'referenza għar-ritratt a fol. 49, ix-xhud qal li l-*cones* f'dak ir-ritratt ma kinux jidhru. Fir-rigward tar-ritratt a fol. 50, ix-xhud qal li l-*cones* lanqas hemm ma kienu jidhru. Ix-xhud ikkonferma li meta għadda John Bundy, il-mejda kienet kif muri fir-ritratt a fol. 49.

## **Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal jibda billi jirreferi għall-kontro-eżami ta' John Bundy (fol. 31) fejn dan xehed li ra l-bieba miftuħa meta l-*lifter* kien diġà nieżel. Ftit ħin wara, huwa qal li ra dan meta kien għadu ma qasamx ir-*roundabout* biex jasal ħdejn il-*lifter*. Fil-fatt, huwa qal hekk: "*Meta kont għadni qed nistenna wieqaf fit-triq biex jgħaddi t-traffiku li qed idur mar-roundabout.*"

Dan ifisser li Bundy kien qiegħed jara l-*lifter* u l-moviment tal-kaxxa jew mejda tiegħu minn ferm qabel wasal ħdejn il-*lifter*. Kien hemm *roundabout* tifred il-punt fejn kien il-*lifter* u l-punt fejn kien Bundy qabel wasal ħdejn il-*lifter*. Bundy kien qiegħed josserva l-*lifter* saħansitra qabel qasam ir-*roundabout*. Għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, kellu ħafna ħin biex jikkalkula kif jevita ħabta.

Jirriżulta inkontestat mix-xhieda tal-konvenut li t-triq fejn kien armat il-*lifter* kienet triq traffikuża. Fis-sagħtejn li kien ilu armat il-*lifter* meta seħħ l-inċident, għaddew diversi vetturi mingħajr ma saret xi kolliżjoni. Fil-fatt, jirriżulta mir-ritratt a fol. 50 li saħansitra karozza tal-linja, li hija vettura pjuttost kbira u goffa, kienet qed tagħmel manuvra (fil-fatt għandha l-*indicator* mixgħul fir-ritratt) biex tevita l-*lifter*. Jekk setgħet tgħaddi karozza tal-linja mingħajr problemi u b'ħin biżżejjed biex tikkalkula kif tevita ħabta, mela kemm aktar seta' jgħaddi Bundy, li kien qiegħed isuq vettura ferm iżgħar minn karozza tal-linja?

Stante li l-*lifter* kien eminentement viżibbli *a priori*, it-Tribunal ma jaqbilx mal-argument tas-soċjetà attriċi kif espress fit-trattazzjoni, ċioe b'insistenza fuq l-allegat nuqqas ta' *cones*. Il-*cones* mhumiex sostitut għal *proper lookout*. Il-*cones*, meta jkunu preżenti, jagħtu l-għajnuna lill-utenti tat-triq biex dawn jevitaw inċident iżda huwa assurd li wieħed jargumenta li l-allegat nuqqas ta' *cones* huwa l-fattur ewlieni fid-determinazzjoni ta' vertenza bħal din. Dwar il-*cones*, fis-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***Untours Insurance Agents Limited noe et vs. Etienne Saliba et*** (deċiża fid-29 ta' Jannar 2004 u ċitata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell [Superjuri] fis-sentenza fl-ismijiet ***Alex Ellul Sullivan vs. Noel Vella et*** [deċiża fis-26 ta' Mejju 2017]), jingħad:

> "*Il-kwestjoni ta' jekk kienx hemm sinjali li jwibbdu preventivament lis-sewwieqa qabel ma' jaslu sal-post fejn kienu l-cones mhijiex xi waħda li sejra tkun determinanti għas-sejbien tar-responsabilità f'dan il-każ. Dan jingħad għaliex, kemm jekk kienu tqegħdu sinjali u kemm ukoll kieku ma tqiegħed xejn, għall-imħarrek dan il-fatt ma kien sejjer jibdel xejn minn dak li sab ma' wiċċu.*"

Fir-rigward tad-dinamika tal-inċident, it-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***David Crisp vs. Ian Zahra*** (deċiża fit-30 ta' Mejju 2002) fejn intqal:

> "*Illi f'dawn ic-cirkostanzi, ladarba jirrizulta bla ebda dubju li l-konvenut dahal fuq karozza ipparkjata, anke qabel ma' sar l-impatt bejn din l-ahhar karozza u dik tal-attur, jinghad li huwa l-oneru tal-konvenut li jispjega kif il-karozza tieghu waslet biex laqtet karozza pparkjata, b'mod li jipprova jiggustifika s-sewqan tieghu u jittenta jiskolpa ruhu mir-responsabilità tal-istess incident…*"

Issa filwaqt li fil-każ appena ċitat, il-persuna li kienet qed issuq il-vettura kienet il-parti konvenuta, f'dan il-każ, is-sewwieq tal-vettura ddanneġġjata huwa essenzjalment l-attur, li f'ismu qed taġixxi s-soċjetà konvenuta.

Fis-sentenza ***David Crisp vs. Ian Zahra***, il-Prim' Awla kompliet tgħid:

> "*Illi jinghad ukoll li f'cirkostanzi simili meta karozza tispicca tahbat ma' karozza ipparkjata, dan ikun kaz ta' "res ipsa loquitur" fejn huwa allura l-oneru tal-konvenut li permezz tal-provi minnu migjuba jipprova jiggustifika l-azzjoni tieghu. Dan gie tenut fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet "Atlas Insurance Agency Company Limited vs Brian Cilia" (P.A. (RCP) 16 ta' Jannar 2001) u "Sultana Brothers Transport Limited vs Christopher Camilleri" (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001).*
>
> *Illi l-istess gie determinat fil-kawza "Middle Sea Insurance p.l.c. vs Jason Scerri" (P.A. RCP - 7 ta' Dicembru 2000), fejn il-Qorti sostniet li bla esitazzjoni ta' xejn, thoss li dan huwa kaz ta' "res ipsa loquitur", li l-effett taghha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u tohloq bhal speci ta' presunzjoni ta' "prima facie" li t-tort huwa ta' wiehed u mhux tal-iehor. ("John Formosa noe vs Joseph Zammit" - F.G.C. 30 ta' April 1993; "Charles Tonna vs Joseph Cassar" - A.C. 14 ta' Mejju 1971; "Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo" - A.C. 5 ta' April 1971).*
>
> *Illi skont il-Gibb para. 90 jinghad illi "when a stationary car is struck by a moving one, the driver of the moving car is usually liable, and the burden of proof resting on the plaintiff will in such a case not be difficult to discharge". U dan gie citat fis-sentenza fl-ismijiet "Lloyds (Malta) Limited vs Anthony Borg" - P.A. (RCP) 31 ta' Mejju 2000).*"

Inoltre, *siccome* huwa ċar li l-*lifter*, għall-finijiet ta' din il-vertenza, kien jikkostitwixxi oġġett statiku, it-Tribunal jerġa' jirreferi għas-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***Untours Insurance Agents Limited noe et vs. Etienne Saliba et*** (deċiża fid-29 ta' Jannar 2004) u jiċċita s-segwenti bran:

> "*Illi biex oġġett statiku jitqies li jaħti għal inċident fuq it-triq jew li ta s-sehem tiegħu għal inċident bħal dak, irid jintwera minn min jallega dak is-sehem jew dik il-ħtija li linċident kien inevitabbli minħabba l-preżenza ta' dak l-oġġett*

> *wieqaf (kemm jekk dak l-oġġett huwa vettura wieqfa u kif ukoll jekk ikun oġġett ieħor).*"

Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal mhuwiex tal-fehma li l-inċident relattiv seħħ b'tort tal-konvenut.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u wara li sema' lix-xhieda kollha, jiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li jikkonferma ċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut kif espressa fis-sentenza preliminari tat-2 ta' Frar 2021 (fol. 26 sa 28), jiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u jilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

L-ispejjeż jitħallsu unikament mis-soċjetà attriċi.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**